# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 541/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jason Fiteni**

Seduta tal-11 ta' April, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jason Fiteni, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 443974M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Novembru, 2015 għall-ħabta ta' 23:55hrs bħala sostitut fl-istabbiliment Footloose sitwat ġewwa Triq San Ġorg, San Giljan, ippermetta persuna ta' taħt l-eta ta' sbatax-il sena tidħol ġewwa l-istess stabbiliment bi ksur ta' L.S 10.40 Art 6 *et seq;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-10 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-imputat Jason Fiteni ħati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu għal multa kumplessiva ta' elf ewro (€1,000);

Rat ir-rikors tal-appell ta' Jason Fiteni prezentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Novembru, 2016, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi billi tħassarha, tirrevokaha u tannulla s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkuża dedotta kontra tiegħu u minflok tilliberaħ minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz ma humiex kontestati u jikkonsistu fis-semplicita' taghhom li persuna ta' 15-il sena kienet intercettata mill-Pulizija fl-istabbiliment ta' divertiment bl-isem *Footloose* gewwa San Giljan. L-appellant, izda, jillanja s-sentenza tal-ewwel Qorti bi tlett aggravji. L-ewwel fost dawn huwa li fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Maġistrati marret kontra l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Fit-tieni gravam tieghu l-

appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti applikat hazin il-principji ta' *strict* liability u finalment jikritika l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-istess Qorti;

2. Illi ma hemmx kontestazzjoni li minorenni ta' hmistax-il sena kien qiegħed fl-istabbiliment 'Footloose' fid-data, lok u ħin in kwistjoni. L-istabbiliment jaqa' taħt ir-responsabbilta' tal-appellant li dakinhar kien reġistrat bħala 'registered substitute licensee' tal-istabbiliment u kellu nies apposta biex jikkontrollaw id-dħul. L-appellant jargumenta illi l-minorenni xehed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li kien xorob ħafna f'dak il-jum u ma kienx jaf kif sab ruħu fil-Footloose. La darba ħa l-miżuri neċessarji ma jistax ikun li jkun ikkunsidrat li ppermetta d-dħul ta' dan il-minorenni;

3. Jidher li jkun opportun li din il-Qorti tikkonsidra it-tielet gravam *in* primis. Tajjeb li qabel xejn ikun mfakkar il-monitu wisq drabi maghmul minn din il-Qorti illi *qua* qorti tal-appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ghal 'dak li hu apprezzament ta' fatti sakemm il-konkluzzjoni raggunta minn dik il-Qorti kienet wahda li setgħet tasal ghaliha raġonevolment u legalment. Dan jirrikjedi ezami mill-gdid tal-provi b'mod approfondit;

4. Mill-atti processwali jirrizultaw tliet affidavits. WPC 60 Grace Bianco u PC 101 Ruznai Gaffarena xehedu illi kienu daħlu fl-istabbiliment Footloose u nnutaw ġuvni li kien jidher li għadu minuri, staqsewh kemm għandu żmien u weġibhom ħmistax-il sena. Huma kkonfermaw dan mill-karta tal-identita' tieghu kif ukoll illi Jason Fiteni dak il-ħin kien qed jagixxi ta' *substitute licensee.* WPC9 A Pomroy zied jghid li kienu kellmu lill-appellant u infurmawh li kienu ser jittieħdu passi kontra tieghu;

5. Il-prosekuzzjoni esebiet ukoll ċertifikat tat-twelid tal-minorenni li juri b'mod konklussiv illi dan kellu 15-il sena fid-data in kwisjtoni;

6. Dr M.Camilleri, rappreżentant tal-MTA xehed u esibixxa l-liċenzja relattiva għall-Footloose Bar (fol.11) fuq liema l-appellant

jidher bħala registered substitute. Il-minorenni ma xehedx quddiem din il-Qorti izda xehedet ommu li ddikjarat li binha jinsab imsiefer fit-tul jistudja fl-Universita' ta' Toronto ġewwa l-Kanada;

7. Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet hekk dwar il-fatti:

'Illi rriżulta a sodisfazzjon tal-liġi illi fid-data, lok u ħin in kwistjoni, il-minuri *ommisis*, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru *ommisis* kien qiegħed ġewwa l-istabbiliment bl-isem Footloose, San Ġiljan. Fil-pussess tiegħu huwa kellu l-karta tal-identita'. Ma ġiex ikkontestat li l-imputat kien liċenzjat bħala substitute. Dan ġie wkoll ikkoroborat mid-dokumenti esibiti mix-xhud rappreżentant tal-Awtorita' tat-Turiżmu, Dr Michael Camilleri. Ma ġiex ikkontestat li l-imputat kien fil-fond in kwistjoni fil-lejl indikat u li huwa kien il-persuna responsabbli.'

8. Huwa dan kollu li qalet l-ewwel Qorti dwar il-fatti u fihom din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura. Hemm l-affidavits ta' tliet uffiċjali tal-Pulizija li kollha xehdu kif indunaw li kien hemm minorenni mal-ewwel u kkonfermawh dak il-ħin stess. Huwa minnu illi l-ewwel Qorti ma qalet xejn dwar l-istat ta' ubrijakezza tal-minorenni kif allegata mill-appellant meta jghid li xehed b'dan il-mod quddiemha. Dan izda mhux talli ma jbiddel xejn dwar l-apprezzament tal-fatti talli jaghti lok ghall-kwezit kif l-adetti tal-appellant, cioe' il-*bouncers* ma ndunawx b'dan il-minorenni f'dak l-istat fl-istabbiliment meta l-Pulizija *ictu oculi* indunaw minnufih li l-minorenni kien jippresta impressjoni ta' persuna taht l-eta' kif fil-fatt irrizulta;

9. L-ewwel u t-tieni aggravju jistghu jitqiesu bhala aggravju wiehed. L-appellant jargumenta illi l-ewwel Qorti skartat u marret kontra l-gurisprudenza rigwardanti l-materja konsimili igifieri li jkun hemm liberatorja jekk ikun pruvat li jkun ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex jevita l-akkadut. Din il-Qorti mhix sejra tinoltra fi spjegazjoni dwar li s-sistema guridika Maltija ma

thaddanx il-principju *stare decisis* prevalenti fil-Common Law Jurisdicitons hlief ghas-segwenti. L-ewwel Qorti deherilha illi jkun opportun li ma timxix mas-sentenza Il-Pulizija vs John Tanti tal-10 ta' Lulju 2014 deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Iż-żewġ sentenzi msemmija mill-appellant ma jidħlux fil-fond fil-punt legali kif kien sar fis-sentenza mogħtija fil-11 ta' Settembru 2008 fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Louise Anne Faure' (Appell Numru VDG 151/2008) li l-ewwel Qorti deherilha li kienet aktar addattat biex tindirizza l-kwistjoni devoluta quddiemha. F'din is-sentenza appena citata, l-Qorti kienet irriteniet hekk:

'Ir-reat in kwistjoni huwa wieħed ta' strict liability- l-imputat ma jistax jiddefendi ruħu billi jgħid li ma ndunax li l-persuna taħt l-eta' daħlet fil-lokal jew li ġie ingannat mill-apparenza ta' dik il-persuna. Huwa propju għalhekk li l-imsemmi regolament 6(1) jesiġi l-wiri tal-karta tal-idnetita' da parti ta' żgħażagħ li jkunu għalqu s-sittax-il sena......Jiżdied jingħad li l-obbligu li jiġi assigurat li ma jitħallewx żgħażagħ taħt l-eta' jidħlu fi stabbilimenti bħal dawk in kwistjoni huwa wieħed li għandu jittieħed bl-<u>akbar serjeta' minn kull min huwa responsabbli mill-ġestjoni ta' dawn l-istabbilimenti.</u> ' (sottolinear tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza nnifisha).

10. Il-Professur Sir Anthony Mamo fl-Ewwel Parti tan-Notes on Criminal Law tiegħu jgħid hekk dwar l-istrict liability:

*'In determining whether an Act does create this more stringent prohibition, regard must be had to the object of the statute, the words used, the nature of the duty, the person upon whom it is imposed, the person by whom it would in ordinary cases be performed, and the person upon whom the penalty is imposed. In general, where the words of a modern statute amount to an absolute prohibition of a certain act without any reference to the state of mind of the actor, 'mens rea' is not an essential ingredient of the*

*offence; and in such a case any inquiry as to the intent which actuated the accused would be immaterial – except, perhaps, with a view to the mitigation of the punishment. (Blake-Odgers, op.cit. Vol I. 114). (page 73 ).*

11. Ir-regolament 6(1) tal-L.S. 10.40 jgħid hekk;

'*Persuni taħt l-eta' ta' sbatax-il sena ma għandhomx jitħallew jidħlu ġewwa lokalita' ta' divertiment, u żgħażagħ li jkollhom iktar minn sbatax-il sena għandhom qabel ma jidħlu f'dik il-lokalita' joħorġu u juru dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tagħhom lill-proprjetarju.'*

12. Il-kliem użat mil-leġislatur f'dan ir-regolament jinkwadra f'dak li jingħad mill-Professur Sir Anthony Mamo fl-Ewwel Parti tan-Noti tiegħu. Huwa l-proprjetarju li huwa l-bniedem responsabbli taħt ir-regolament u ma jista' bl-ebda mod jabdika minn din ir-responsabilita'. Skont dan l-artikolu huwa ċarissimu li m'hemm ebda difiża ta' '*mens rea'* għaliex ikunu tqabbdu nies biex jikkontrollaw. Il-proprjetarju jrid jirrispondi dejjem għal min jidħol fl-istabbiliment bi ksur tar-regolament 6. Għalhekk kienet ġustifikata l-Qorti tal-Maġistrati li straħet fuq is-sentenza 'Il-Pulizija vs Louise Ann Faure (Appell Numru VDG 151/2008) u mhux ohrajn kif kienet libera li taghmel;

13. In konkluzzjoni, jehtieg li jkun puntwalizzat illi l-minorenni kellu fuqu il-karta tal-identita'. Ma jidhirx ghalhekk illi l-*bouncers* ghal xi raguni jew ohra, qatt raw dan id-dokument. Kien x'kien il-kaz, irrizulta illi malli l-Pulizija dahlu fl-istabbiliment innutaw li dan iz-zaghzuh seta' ma kienx 'l fuq minn 17-il sena, haga din li kienet ukoll dixxernibbli lill-*bouncers* aktar u aktar jekk, kif jghid l-appellant, dan kien ikkonsma hafna xorb alkoholiku.

14. L-appellant jargumenta illi tezisti difiża għal tali imputazzjonijiet meqjusa bhal li huma ta' strict liability u jirreferi għal dak li jgħidu Smith and Hogan, Criminal Law, ninth edition page 38 fejn jaffermaw: 'The fact that even in offences of strict

liability, a limited degree of mens rea must be proved. 'L-appellant la kien 'thoughtless' u lanqas 'inefficient'. L-appellant, izda, ma xehedx quddiem din il-Qorti u ghalhekk ikollha tistrieh fuq dak li qalet l-ewwel Qorti dwar id-difiza minnu mqanqla jigifieri li kien wettaq l-obbligi tieghu billi ghamel dak kollu li seta' biex jassigura li r-reat ma jsehhx u dan billi inkariga nies professjonali, *bouncers*, li jkunu mal-bieb. Dan fil-fehma tal-ewwel Qorti ma kienx bizzejjed u din il-Qorti ma tarax kif tista' tiddisturba il-konkluzzjoni raggunata legalment u ragjonevolment;

15. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.